Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/18

**Linette Zahra (sussegwentement miżżewġa Chircop)**

**vs**

**Omar Fava Construction**

14 ta' Diċembru 2018.

1. **Din hija talba għall-ħlas ta' €3,500 dwar xogħol ta' gypsum li sar mill-konvenut allegatament mhux skont is-sengħa u l-arti.**

2. Fis-17 ta' Awwissu 2016 l-attriċi ippreżentat talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex il-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' €3,500. Spjegat li fl-2014 kienu qabbdu[1] lill-konvenut sabiex jagħmel diversi xogħlijiet f'post fiż-Żurrieq. Qalet li kellhom problema bix-xogħol li għamel fir-rigward tal-gypsum: kien ħalla xi ħadid għaddej minn fuq it-toqob tal-gypsum intiżi għall-fittings, u in oltre' beda jidher qsim fil-ħitan u fis-saqaf. Qalet li għalkemm il-konvenut kien qalilhom li kien se jirranġa tali difetti baqa' ma rranġhomx. Spjegat li kienu allura kellmu perit u dan ikkonstata d-difetti fix-xogħol tal-gypsum u għamel rapport fir-rigward. Qalet li minkejja li kellmu lill-konvenut huwa ma riedx jagħmel xogħol rimedjali.

3. Fl-4 ta' Novembru 2016 il-konvenut wieġeb biex jikkontesta t-talba. Huwa sostna illi:

- Mhux minnu li sar xogħol ħażin. Meta ilmentaw miegħu ir-rikorrenti u martu[2] deher li kienu ġabu electrician biex jgħaddi d-dawl tas-soffitt u dan iltaqa' ma xi diffikulta` dwar il-wires li ried jgħaddi, iżda dan ġara għax meta kien suppost jiġi fuq il-post qabel ma

[1] Qeghda tirreferi għaliha u għal Stefan Chircop, sussegwentement żewġha.
[2] Evidentement ried jgħid ir-rikorrenti u żewġha.

jingħalaq is-saqaf u jiġi indikat minnu fejn iridu jsiru t-toqob meħtieġa ħalli jgħaddi l-"points", dan ma ġiex u s-sur Chircop beda jinsisti biex ix-xogħol tas-saqaf (gypsum suspended ceiling) jingħalaq. Wara s'intendi qamu problemi li ma kinux imputabbli għall-kuntrattur intimat.

- Ix-xogħol tlesta lejn Marzu 2016 iżda sa meta għamlu t-talba s-sidien kienu qabbdu lil ħaddieħor li qala' x-xogħlijiet tal-intimat bla ma dan ġie imsejjaħ ikun preżenti almenu biex jiġi sewwa diskuss hemmx ħtieġa jew le ta' tibdil jew ranġament.

- Ir-rikorrenti ukoll qabdu u ġabu perit f'Ġunju 2016 li spezzjona u għamel rapport mingħajr l-iċken possibilta` li l-intimat jiġi msejjaħ fuq il-post ħalli juri, jispjega, jew iwieġeb għal dak li kien qed jiġi lmentat. Ir-rapport hu kkontestat.

- Ix-xogħol li għamel u l-materjal li uża kien ta' kwalita` tajba u jekk seta' kine hemm xi difetti minimu dan seta' jitranġa kieku ingħatatlu l-opportunita` u mhux żarmawlu xogħlu huma.

4. <u>Fil-21 ta' Mejju 2018</u> it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi laqa' t-talba tal-attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut. L-aħħar parti tas-sentenza taqra hekk:

*"Illi fir-risposta tiegħu, fost affarijiet oħra, l-intimat jilmenta illi meta l-perit għamel l-ispezzjoni ma kienx preżenti u ma ngħatax l-opportnita` biex jispjega l-operat tiegħu f' dan ix-xogħol. B'kull dovut rispett, dan jista' jkun minnu, pero` min-naħa l-oħra, meta l-intimat ingħata l-opportunita` biex jispjega l-operat tiegħu quddiem dan it-Tribunal f' seduta apposta riservata għalih, dan ma dehrx, kif anke ma dehrx drabi oħra. Għalhekk kwindi, dan it-Trinunal għandu quddiemu prova (ir-rapport tal-perit) li juri li x-xogħol li għamel l-intimat ma kienx skont l-arti u s-sengħa. Jekk l-intimat ma jirribattix din il-prova, allura t-Tribunal ikun ġustifikat illi joqgħod fuq dak li qal il-perit, peress li f'dan l-istadju dak ir-rapport baqa' mhux ikkontestat. Barra minn hekk it-Tribunal jinnota nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-intimat meta dan ma dehrx għas-seduti u naqas li jibgħat rappreżentant biex jidher għalih. Dan jinduċi lit-Tribunal favur it-teżi tar-rikorrenti li tistħoqq li tkun milqugħa."*

5. Fi<u>l-11 ta' Ġunju 2018 il-konvenut appella mis-sentenza tat-Tribunal.</u> Argumenta li bin-nuqqas ta' komunika lilu jew lid-difensur tiegħu tal-verbal tas-26 ta' Frar 2018 kien hemm ksur tar-regolament 14.2 tal-L.S.378.01 u b'hekk ġiet imposta fuqu kontumaċja mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Jargumenta li għalhekk id-deċiżjoni tal-21 ta' Mejju 2018 tmur kontra l-ġustizzja, ekwita` u loġika mistennija mill-istess Tribunal. Għaldaqstant talab lill-qorti sabiex (1) tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal u (2) <u>jew</u> tgħaddi biex tisma' hija stess il-provi kollha tiegħu sakemm tkun fi grad li tagħti sentenza ġusta u ekwa, <u>jew</u> tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal sabiex ikkompli jinstema sat-tmiem naturali tiegħu. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Linette Zahra ossia Chircop u żewġha Stefan Chircop li daħal u involva ruħu sa

mill-bidu nett dwar ix-xogħlijiet u matul il-każ.

6. **<u>L-aggravji</u>** tal-konvenut jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:

(i) Huwa jilmenta li t-Tribunal għadda għas-sentenza mingħajr ma ta opportunita` lilu jew lid-difensur tiegħu "*biex jispjegaw l-assenzi tagħhom f' xi seduti, u wisq agħar minn hekk, ma bagħtx almenu javżahom li l-każ kien tħalla għas-sentenza…*" Isostni illi b'dan il-mod it-Tribunal aġixxa kontra l-prinċipju tal-ġustizzja "*audi alteram partem*". Jargumenta li t-Tribunal kellu jħoss "*fil-kuxjenza jekk mhux bil-loġika*" li kien ġara xi ħaġa spjegabbli biex hu (li kien ikkontesta l-każ tant inekwivokament sa mill-bidu nett) ma dehrx għaż-żewġ seduti (ta' Diċembru 2017 u ta' Frar 2018). Iżid jgħid li l-"*colpo di grazia"* kien imbagħad in-nuqqas ta' komunika li l-kawża kienet ser titħalla għas-sentenza.

(ii) Dwar is-segwenti tliet seduti, jgħid hekk:

(a) Għas-seduta tad-<u>19 ta' Ġunju 2017</u>, fejn ġie verbalizzat li "*Meta ssejħet il-kawża dehret biss ir-rikorrenti. Ħadd ma deher għall-azjenda intimata….*", isostni li huwa fil-fatt kien ġie minn Għawdex u hu u d-difensur tiegħu kienu sabu l-bieb tat-Tribunal magħluq.

(b) Għas-seduta tat-<u>18 ta' Settembru 2017</u>, li ġiet differita mingħajr ma kienu avżati hu u d-difensur tiegħu, isostni li kien mar minn Għawdex apposta.

(c) Għas-seduta tal-<u>11 ta' Diċembru 2017</u>, fejn xehed l-aħħar xhud tal-attriċi, huwa kien ġie eżentat milli jattendi mid-difensur tiegħu, bil-ħsieb li jattendi hu, iżda kien inqabad fuq xogħol professjonali u l-attentati kollha biex jinforma lit-Tribunal jattendi sfaw fix-xejn għaliex il-linja ma bdietx twieġeb.

(iii) Dwar is-seduta tas-<u>26 ta' Frar 2018</u> (meta l-kawża ġiet diferita għall-<u>21 ta' Mejju 2018</u> għas-sentenza) jispjega li f'dik l-epoka <u>mart id-difensur tiegħu kienet għaddejja minn kriżi fiżika u psikoloġika</u>, għalhekk "*moħħu ma kienx hemm u ma kienx żamm nota tad-data li kien imiss u lanqas ma reġa' segwa mas-segretarja tat-Tribunal dwar l-iter tal-każ*." Jgħid li meta imbagħad id-difensur tiegħu mar jiċċekkja personalment fit-22 ta' Mejju 2018 biex jieħu d-differiment li jmiss, "*b'sorpriża kbira"* sab li s-sentenza kienet inqatgħet il-jum ta' qabel, u kien xokk kemm għad-difensur kif ukoll għalieh (il-konvenut). Jispjega wkoll li <u>hu stess kien involut f'inċident fejn ġarrab korriment f'riġlejh, u in oltre' missieru miet</u>. Iżid jgħid li għalkemm hija responsabilita` ta' parti li ssegwi l-andament tal-każ, huwa "*innoċentement"* straħ fuq id-difensur tiegħu, speċjalment minħabba l-korriment tiegħu, imbagħad ġara li ġara.

(iv) Jilmenta li l-attriċi ingħatat tliet seduti piu` differiment favur tagħha, mentri hu ingħata biss dik tas-26 ta' Frar 2018 meta ġie differit il-każ għas-sentenza, u għalhekk ma kienx hemm bilanċ fit-trattament.

(v) Jilmenta wkoll li t-Tribunal ma żammx ma' dak provdut fir-Regolament 14.2 u fir-Regolament 14.3 tal-Liġi Sussidjarja 378.01 in kwantu la ġie mgħarraf bil-jum li kellha tingħata d-deċiżjoni u d-deċiżjoni ingħatat aktar minn 40 jum mis-seduta preċedenti:

(vi) Isostni li d-deċiżjoni hija inġusta anke fir-rigward tal-mertu. Jilmenta:

(a) li instemgħat naħa waħda biss,

(b) li t-Tribunal aċċetta li s-somma li kellha tiġi rimborsata kienet preċiżament €3,500 mingħajr ma tressqet l-iċken prova,

(c) li ma ġietx aċċettata t-talba tiegħu li jsir aċċess fuq il-post u li t-Tribunal qagħad fuq il-punt imressaq mill-avukat avversarju li f' dak l-istadju kien ikun inutli stante li x-xogħol rimedjali kien sar;

(d) li t-Tribunal ma qiesx li l-attriċi għamlet ix-xogħol rimedjali minn jeddha kif u meta dehrilha, u dan minn wara dahru;

(e) li t-Tribunal ma tax importanza għall-fatt li l-*electrician* ma ttellax bħala xhud.

7. Fil-25 ta' Settembru 2018 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza tat-Tribunal konfermata.

**L-iter proċesswali:**

8. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva li:

| | |
|---|---|
| 17.08.2016 | Il-każ kien appuntat biex jinstema quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi (Qrati tal-Ġustizzja, Victoria, Għawdex) fil-11.11.2016; |
| 09.11.2016 | Il-konvenut ippreżenta rikors fejn talab li l-ewwel seduta tal-11.11.2016 tiġi differita u biex it-Tribunal jara jekk hemmx lok li l-każ jiġi trasferit minn Għawdex għal Malta, u dan mhux biss biex ikun jista' jsir aċċess fuq il-post li jinsab f'Malta, iżda ukoll għall-konvenjenza ta' kulħadd; |

21.12.2016 It-Tribunal ordna li l-kawża tinstema' f'Malta;

13.03.2017 <u>L-ewwel seduta quddiem it-Tribunal</u>:

"*Meta ssejħet il-kawża deher ir-rikorrent assistita minn Dr Maria Azzopardi.* ***Deher ukoll Omar Fava assistit minn Dr Joseph Pace***.

*Dr Joseph Pace qed jipproponi li jsir aċċess għal fuq il-post in vista tal-fatt li hemm diversi xogħlijiet u allura jistgħu jiġu indikati d-difetti indikati.*

*Dr Maria Azzopardi għar-rikorrenti tiddikjara li dak rikjest m'għadux possibbli peress illi x-xogħol li sar mill-konvenut inqala' u ġie sostitwit b'suffett ieħor u dan wara diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti biex il-konvenut jirranġa.*

*Dr Pace jirrileva illi ma kienx hemm diversi interpellazzjonijiet.*

*In vista ta' dak li jirriżulta u d-dikjarazzjoni ta' Dr Maria Azzopardi it-Tribunal jordna illi tinstema' l-kawża.*

*<u>Xehdet ir-rikorrenti.</u>*

*<u>Xehed il-Perit Joseph Cassar.</u>*

*Il-kawża tibqa' differita għall-kontinwazzjoni tal-provi tar-rikorrenti għad-<u>19 ta' Ġunju 2017 fis-1pm</u>.*"

19.06.2017 <u>It-tieni seduta quddiem it-Tribunal</u> (Malta)

"*Meta ssejħet il-kawża dehret biss ir-rikorrenti.* ***Ħadd ma deher għall-azjenda intimata.***

*<u>Xehed Stefan Chircop.</u>*

*Il-kawża qed tiġi differita għall-kontinwazzjoni tal-provi tar-rikorrenti għat-<u>18 ta' Settembru 2017 fis-1.15pm</u>*"

**Dan il-verbal ġie komunikat lid-difensur tal-konvenut Dr Joseph Pace fil-21.06.2017** (*Pink card* a fol. 18a);

18.09.2017 Kemm ir-rikorrenti, kif ukoll id-difensur tagħha bagħtu emails lis-segretarja tat-Tribunal sabiex jitolbu differiment peress li d-difensur tar-rikorrenti tinsab imsiefra;

<u>It-tielet seduta quddiem it-Tribunal</u>:

"***Meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd***. *It-Tribunal ra l-email mill-Avukat Maria Azzopardi fejn talbet differiment. It-Tribunal jilqa' t-talba u jiddiferixxi l-kawża għall-11 ta' Diċembru 2017 f'12:00pm*".

**L-avviz tad-data tas-seduta sussegwenti ġie komunikat lill-partijiet: lill-attriċi fit-22 ta' Settembru 2017, u lill-konvenut fl-20 ta' Settembru 2017** (Ara *pink cards* a fol 21a u 21b);

11.12.2017 Ir-raba' seduta quddiem it-Tribunal:

*"Meta ssejħet il-kawża dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Maria Azzopardi.* ***Ħadd ma deher għall-azjenda intimata għalkemm kienet debitament notifikata għas-seduta ta' llum****.*

*Xehed Keith Micallef prodott mir-rikorrenti.*

*Dr Maria Azzopardi iddikjarat li ma fadlilhiex aktar provi xi tressaq salv illi tipproduċi email fil-mori tad-differiment.*

*Il-kawża qed tiġi differita għall-provi kollha tal-intimat għas-26 ta' Frar 2018 f' 12:00pm"*

26.02.2018 Il-ħames seduta quddiem it-Tribunal:

*"Meta ssejħet il-kawża dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Maria Azzopardi.*

*It-Tribunal ra l-verbal tal-11 ta' Diċembru 2017 fejn jidher li ħadd ma deher għall-azjenda intimata għalkemm kienet debitament notifikata f'dik is-seduta, ra ukoll li fid-19 ta' Ġunju 2017 ma kinux dehru lanqas.*

*It-Tribunal wara li ra l-Artikolu 12.1 tal-Kap 378.01 qed jiddiferixxi l-kawża għas-sentenza in difett ta' ostakolu għall-21 ta' Mejju 2018."*

21.05.2018 Il-kawża ġiet deċiża. **Is-sentenza ġiet komunikata lill-partijiet: lill-attriċi fl-4 ta' Ġunju 2018 u lill-konvenut fid-29 ta' Mejju 2018** (Ara *pink cards* a fol 25a u 25 b);

**Konsiderazzjoni.**

9. L-uniku darba li l-konvenut u d-difensur tiegħu attendew għall-seduta quddiem it-Tribunal kienet fl-ewwel seduta, u cioe` dik tat-13 ta' Marzu 2017.

10. Huma kienu jafu bis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 għax kienu preżenti għas-seduta preċedenti; kienu jafu ukoll b'dawk tat-18 ta' Settembru 2017 u tal-11 ta' Diċembru 2017 għaliex tal-ewwel kienet ġiet komunikata bil-posta

reġistrata lid-difensur tal-konvenut, filwaqt li tal-aħħar kienet ġiet komunikata bil-posta reġistrata lill-konvenut stess. Għalkemm il-konvenut isostni li fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 kien mar u sab il-bieb magħluq, u li fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2017 kien ukoll mar u sab li s-seduta ġiet differita, u li fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2017 id-difensur tiegħu kien maqbud b'xogħol ieħor u kull attentat li għamel biex jinforma lit-Tribunal safa fix-xejn, dan kollu ma ġiex pruvat bl-ebda mod. Fl-atti m'hemmx prova li l-konvenut jew id-difensur tiegħu kkomunikaw mat-Tribunal sabiex jispjegaw l-assenza tagħhom fir-rigward ta' dawk is-seduti.

11. Inoltre', għalkemm (skont ma jispjega l-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu) fl-ewwel xhur tas-sena 2018 kemm hu kif ukoll id-difensur tiegħu kellhom diversi problemi personali, hawnhekk ukoll ħadd minnhom ma ndenja ruħu jikkomunika mat-Tribunal fir-rigward. Kull ma kienet tmur fin-nofs kienet sempliċi *email.* Hekk kif l-attriċi u d-difensur tagħha kienu bagħtu *emails* lit-Tribunal meta kellhom bżonn jitolbu differiment minħabba li d-difensur tal-attriċi kienet imsiefra (u t-Tribunal ma kien sab l-ebda oġġezzjoni), setgħu għamlu l-istess il-konvenut u d-difensur tiegħu minħabba l-problemi personali tagħhom.

12. Għalkemm ma saritx komunika lill-konvenut (jew id-difensur tiegħu) tal-verbal tal-11 ta' Diċembru 2017 (meta l-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għas-26 ta' Frar 2018) u tal-verbal tas-26 ta' Frar 2018 (meta l-kawża ġiet differita għall-21 ta' Mejju 2018 għas-sentenza), fl-aħħar mill-aħħar kien l-obbligu tal-parti li ssegwi l-kawża. Verament jistona li l-konvenut jiġi jilmenta bil-fatt li ma kienx notifikat bil-verbal tas-26 ta' Frar 2018 meta tqies l-atteġġament tiegħu f'seduti preċedenti.

13. Inoltre l-ilment tal-konvenut li ma kienx hemm "bilanċ" fit-trattament peress li huwa ingħata seduta waħda biss għall-provi tiegħu filwaqt li l-attriċi ingħatat invece tliet seduti u anke differiment favur tagħha, huwa għal kollox infondat u bla bażi, għaliex l-attriċi dejjem wriet interess fil-kawża u attendiet u pproduċiet ix-xiehda, filwaqt li hu, wara li attenda għall-ewwel seduta wera

attitudni li tindika indifferenza lejn il-kawża.

14. Lanqas ma huwa ġustifikat l-ilment tal-konvenut li t-Tribunal "injora" r-Regolamenti 14.2 u 14.3 tal-L.S. 378.01 (Regola Dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi). Tali Regolamenti jipprovdu hekk (din il-qorti ser tiċċita wkoll ir-Regolament 14.1 għall-kompletezza:

*"14.1*
*L-Arbitru għandu jiddeċiedi dwar it-talba jew kontro-talba jekk ikun hemm, jew fi tmiem is-seduta jew f' xi jum ieħor li jiġi wara.*

*14.2*
*Jekk id-deċiżjoni tal-Arbitru jkollha tingħata f'jum li jiġi aktar tard, l-Arbitru għandu jew verbalment fi tmiem is-seduta jew bil-miktub permezz tas-Segretarju, jgħarraf il-partijiet bil-jum meta tkun ser tingħata d-deċiżjoni.*

*14.3*
*Meta d-deċiżjoni tal-Arbitru ma tingħatax fi tmiem is-seduta din għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u kull wieħed mill-partijiet ikun intitolat jitlob mingħand is-segretarju kopja ta' dik id-deċiżjoni. F'ebda każ ma għandha deċiżjoni tingħata iktar minn erbgħin jum mid-data tal-aħħar seduta."*

15. Issa fit-tmiem tas-seduta tas-26 ta' Frar 2018 (kif jidher mill-verbal relattiv) it-Tribunal effettivament iddikjara li l-kawża kienet qegħda tiġi differita għall-21 ta' Mejju 2018 għas-sentenza. Għalhekk ma kienx hemm bżonn li s-Segretarju jgħarraf lill-partijiet bil-jum meta kienet ser tingħata d-deċiżjoni. F'dak l-istadju kien fid-dmir tal-konvenut li jivverifika x'kien ġara f'dik is-seduta.

16. Bejn is-seduta tas-26 ta' Frar 2018 u s-sentenza, għaddew kważi tlett (3) xhur. Il-qorti m'hijiex konvinta li f'dak il-perjodu il-konvenut u/jew l-avukat ta' fiduċja tiegħu u/jew kienu f'impossibilta' li jagħmlu xi ħaġa biex it-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

17. Għaldaqstant il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma weriex li t-Tribunal mexxa l-proċeduri kontra l-ġustizzja, l-ekwita` jew il-loġika (kif isostni l-konvenut). Ser tgħaddi issa biex tikkunsidra l-ilmenti tiegħu fil-**mertu.**

18. Fl-ewwel lok għandu jingħad illi jekk it-Tribunal spiċċa biex sema' naħa waħda dan kien unikament konsegwenza tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-konvenut

fil-proċeduri. Il-konvenut litteralment "sparixxa" għal erbatax-il xahar, minkejja li kif spjegat, kien a konoxxenza tal-fatt li l-proċeduri kienu mexjin.

19. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li t-Tribunal jidher li qies bir-reqqa l-provi mressqa mill-attriċi. Din il-qorti ukoll qrat dak li xehedu l-attriċi, żewġha, il-perit Joseph Cassar u Keith Micallef (ir-raġel t'oħt l-attriċi), kif ukoll id-diversi dokumenti konsistenti f'ritratti u r-rapport tal-perit, li kollha jissostanzjaw it-teżi tal-attriċi li x-xogħol li għamel il-konvenut ma kienx skont is-sengħa.

20. Dwar l-ilment tal-konvenut li baqa' ma sarx <u>aċċess</u> fuq il-post, ġialadarba x-xogħol rimedjali kien laħaq tlesta, din il-qorti ma tarax li kien hemm xi skop li dan isir u għalhekk ma jistax wieħed ilum lit-Tribunal għal dan. Għalkemm il-konvenut jilmenta wkoll bil-fatt stess li l-attriċi qabdet u inkarigat lil ħaddiem ieħor biex jagħmel ix-xogħol rimedjali *ad insaputa* tiegħu, kemm hi kif ukoll żewġha jispjegaw li minkejja li kienu ilmentaw mal-konvenut fuq id-difetti huwa baqa' ma rranġahomx, u peress li d-data tat-tieġ tagħhom kienet qegħda toqrob ma kellhomx triq oħra ħlief li jqabbdu ħaddiem ieħor (l-istess ħaddiem ta' Keith Micallef). Tali spjegazzjoni ma tidhirx inverosimili.

21. Il-konvenut jilmenta wkoll dwar in-<u>nuqqas ta' prova fir-rigward tal-valur tax-xogħol rimedjali</u>. F'dan ir-rigward hemm ix-xiehda tal-attriċi li tgħid li "*Aħna għax-xogħol li kellna nagħmlu mat-tieni ħaddiem ħallasna s-somma ta' €3,500.*" <u>Dan it-tieni ħaddiem li għamel ix-xogħol rimedjali ma ttellax jixhed u lanqas ma ġew esebiti r-riċevuti relattivi għax-xogħol rimedjali</u>. Din il-qorti tosserva li fl-ittra li l-attriċi u żewġha kienu bagħtu lill-konvenut fid-9 ta' Mejju 2016 tramite d-difensur tagħha, huma kienu interpellawh biex:

> *"...tirrifondilhom is-somma ta' €3500 rappreżentanti prezz ta' saqaf u ħajt li ġew mibnija minnek mhux skont is-sengħa u l-arti u liema xogħol kellu jinħatt u jinbena mill-ġdid."*

Skont *invoice* li ħareġ l-attur, datat 2 ta' Ottubru 2015, il-kont għax-xogħol kien €6,147.16. Ix-xogħol kien jinkludi madum tal-art u xogħol ta' *gypsum*.

22. Il-perit inkarigat mill-attriċi għamel rapport fejn wara li ddikjara x'inhuma n-nuqqasijiet fix-xogħol li għamel il-konvenut, ikkonkluda:

*"From what has been observed and reported, it is obvious that the installation of the gypsum board cladding and suspended ceiling, was done in a careless manner. No proper planning had gone into the preparation of the cladding. It was not done according to standard practices. The work can be considered as inferior quality and not up to standard".*

23. L-attriċi xehedet li lill-persuna li nkarigaw it-tieni darba, ħallsuha €3,500. Pero' lanqas biss ressqitu bħala xhud u lanqas ma ndenjat ruħha tippreżenta riċevuta tal-ħlas. Prova bażika li kellha ssir. Il-persuna li għamlet ix-xogħol lanqas biss ma ġiet identifikata. Jissemma wkoll kif fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017 meta d-difensur tal-attur talab li jsir aċċess, id-difensur tal-attriċi wieġbet li dan ma kienx iktar possibbli għaliex, *"... ix-xogħol li sar mill-konvenut inqala' u ġie sostwit b'suffett ieħor u dan wara diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti biex il-konvenut jirranġa".* Pero' l-*gypsum boards* ta' mal-ħajt ma ssemmewx. Mir-rapport tal-perit inkarigat l-attriċi, lanqas ma jirriżulta li kien hemm ħtieġa li jsir mill-ġdid ix-xogħol kollu li għamel il-konvenut.

24. Fil-fehma tal-qorti fid-deċiżjoni t-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni in-nuqqasijiet li ssemmew hawn fuq. Għaldaqstant, ser tvarja s-sentenza u *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi.

**Għal dawn il-motivi tilqa' biss parzjalment l-appell fil-meritu u tiċħdu fil-kumplament. Tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-21 ta' Mejju, 2018 billi minflok tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), bl-imgħax mid-data tas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur. Dwar il-kumplament tikkonferma s-sentenza. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-konvenut u ¼ a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.